# L-Ikonografija Nisranija tas-Salib: Mill-aspett umiljanti għall-aspett trijonfali

**Rev. Dr Martin Micallef OFMCap**

Fl-Evanġelju ma nsibu l-ebda referenza għad-dehra fiżika ta' Ġesù. Minflok, l-Evanġelisti kitbu dwar xi wħud mill-ġrajjiet marbutin mal-ħajja ta' Ġesù, fosthom il-ġrajja tal-passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-Salib, ġrajja ta' mistħija kbira fil-kultura tad-dinja antika. Bil-mod il-mod, iżda s-Salib ħa tifsira ġdida sakemm għal dawk kollha li emmnu f'Ġesù, sar is-simbolu teoloġiku ewlieni. F'dan l-artiklu ser inħarsu lejn kif l-ikonografija nisranija tas-Salib ħadet iż-żmien tagħha biex żviluppat din ix-xbieha ta' umiljazzjoni fi xbieha ta' trijonf. Filwaqt li ser nagħmlu dan, ser nillimitaw ruħna għall-ewwel tnax-il seklu tal-Kristjaneżmu. Kif ser naraw, din il-bidla fil-perspettiva ikonografika nisranija seħħet permezz tal-Imperatur Kostantinu u ta' ommu Sant'Elena, li għenu ħafna sabiex il-Kristjaneżmu jieħu rotta ġdida li qatt qabel l-Insara tal-bidu ma kienu ħolmu dwarha.

**L-iskandlu u l-bluha tas-Salib**

Għal dawk kollha li jemmnu f'Ġesù, is-simbolu tas-Salib isib it-tifsira tiegħu fil-ġrajja tal-kurċifissjoni kif inhija rrakkuntata u interpretata fit-Testment il-Ġdid. L-Ittri ta' San Pawl huma l-eqdem xhieda miktuba fil-paġni tat-Testment il-Ġdid li jitkellmu fuq it-tifsira tas-Salib ta' Kristu Ġesù. San Pawl iqiegħed il-mewt ta' Ġesù fuq is-Salib fil-qalba tal-ħsieb tiegħu u ma jiddejjaq xejn jikkwota dak li nsibu f'Dewt 21:23 filwaqt li japplikah għal Ġesù li "sar hu nnifsu saħta għalina, għax hemm miktub: 'Misħut min ikun imdendel mal-għuda'" (Gal 3:13). Fl-Ewwel Ittra lill-Korintin, San Pawl jitkellem mill-predikazzjoni tas-Salib bħala "bluha għal dawk li jintilfu; imma għal dawk li jsalvaw, għalina, hi l-qawwa ta' Alla" (1 Kor 1:18). B'dan il-mod, huwa kien qed iħejji t-triq għal meta jiġi biex isejjaħ lil Kristu msallab bħala "skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi" (1 Kor 1:24).

Iżda San Pawl qatt ma jitkellem fuq it-tbatijiet ta' Kristu fuq is-Salib jew fuq l-uġiegħ li Ġesù ħass f'ġismu fil-passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-Salib. Minflok, fl-Ittri tiegħu, dan l-Appostlu jagħtina t-tifsira salvivika ta' din il-ġrajja.[1] Min-naħa l-oħra, fl-erba' Evanġelji miktubin wara l-Ittri ta' San Pawl, insibu paġni sħaħ iddedikati għar-rakkonti tal-passjoni, il-mewt u d-difna ta' Ġesù. F'dawn ir-rakkonti nsibu waħda mill-aktar deskrizzjonijiet dettaljati tal-proċess kollu involut fi ġrajja bħal din. Minkejja dan iżda, l-ebda wieħed mill-erba' Evanġelisti ma kiteb dwar il-forma tas-salib jew fuq il-mod kif Ġesù ġie msallab mas-salib.

[1] Fuq dan il-punt ara Romano Penna, *Paul the Apostle: Wisdom and Folly of the Cross* (Collegeville, MN: Liturgical Press, 1996).

Madanakollu, ir-rakkonti tagħhom dwar din il-ġrajja jaqblu sewwa ma' dak li nafu fuq kif kienet issir il-kurċifissjoni fid-dinja antika li kienet mewta ħarxa u umiljanti bħala piena kapitali kontra tradituri, skjavi jew ħallelin.[2]

**L-ewwel xbieha tal-Kruċifissjoni ta' Ġesù**

L-aktar xbieha antika tal-kurċifissjoni ta' Ġesù li nafu biha hija graffit li nstab imħażżeż mal-ħitan ta' bini fuq l-għolja Palatina qrib *Circus Maximus* f'Ruma. Dan il-graffit, li jmur lura lejn is-sena 220 W.K., kien instab lejn is-sena 1860 u juri figura msallba. Ix-xbieha li tidher min-naħa ta' wara, għandha ras ta' ħmar u qed tħares 'l isfel. Figura iżgħar lejn in-naħa tax-xellug tidher qed isellem lill-imsallab. Il-kitba li hemm taħt tgħid: "Alexamenos sebete theon," jiġifieri, "Alexamenos jadura lil alla tiegħu."[3] Dan hu eżempju ta' kif l-Insara tal-bidu kienu qed jiġu mwaqqa' għaċ-ċajt minħabba t-twemmin tagħhom f'Messija li spiċċa msallab mas-salib.



***Il-graffitt li juri raġel imsallab b'ras ta' ħmar li nstab f'Ruma.***

Jidher li fl-ewwel żminijiet, l-Insara evitaw li jagħmlu użu mis-salib bħala s-simbolu ewlieni tat-twemmin tagħhom.[4] Minflok, id-disinji li nstabu mħażżin mal-ħitan u s-soqfa tal-katakombi f'Ruma juru kif l-ewlenin Insara donnhom ippreferew li jaħbu s-simbolu tas-salib ta' Kristu taħt bosta motivi dekorattivi bħalma humà l-ħamiema, l-ankra bħala simbolu tat-tama, il-ħaruf u l-ħuta.[5] Dawn ix-xbiehat li jmorru lura għall-bidu tas-Seklu 3 W.K., nistgħu fil-fatt inqisuhom bħala l-ewwel eżempji ta' arti kristjana. Dan jurina kif il-Knisja bdiet miexja lejn forma distinta ta' arti wara nuqqas ta' kważi seklu u nofs.[6]

Xi wħud iżommu li l-ġenerazzjonijiet bikrija Nsara kienu warrbu ċerti xbiehat fl-arti minħabba li din setgħet twassal għall-idolatrija. B'dan il-mod, huma kienu qed isegwu l-linja tat-tradizzjoni Lhudija li kienet tiprojbixxi xbiehat imnaqqxa.[7] Il-produzzjoni ta' din

2 Martin Hengel, "Crucifixion in the Ancient World and the Folly of the Message of the Cross," in *The Cross of the Son of Man,* trans. John Bowden (London: SCM Press, 1977; London Xpress Reprints 1997), 91-185, ħallielna studju dettaljat fuq referenzi testwali mid-dinja antika relevanti għal dan is-suġġett.

3 Ara Oliver Larry Yarbrough, "The Shadow of an Ass: On Reading the Alexamenos Graffito," in *Text, Image, and Christians in the Graeco-Roman World,* eds. Aliou Cissé Niang and Carolyn Osiek (Eugene, OR: Pickwick, 2012), 239-254.

4 Fuq dan l-argument ara, George Willard Benson, *The Cross: Its History and Symbolism. An Account of the Symbol More Universal in its Use and More Important in its Significance than any Other in the World* (Buffalo: George Willard Benson, 1934), 28-29.

5 Ara Robin Margaret Jensen, *Face to Face: Portraits of the Divine in Early Christianity* (Minneapolis: Fortress Press, 2005), 2.

6 Ara Andrè Grabar, *Christian Iconography: A Study of its Origins* (Princeton: Princeton University Press, 1968), 7.

7 Mary Charles Murray, "Art and the Early Church," *Journal of Theological Studies,* no. 28 (1977):

l-arti ġdida fil-bidu tat-Seklu 3 W.K., aktarx li mela, timmarka bidla fl-attitudni lejn din il-projbizzjoni Lhudija. Xi studjużi oħra iżda jżommu, li din il-bidla kienet żvilupp naturali u progressiv ta' fidi li kienet qed tevolvi, b'mod illi l-insara issa bdew jipproduċu ikonografija distinta li kienet qed tiddentifikahom b'mod ċar bħala Nsara.[8]

Bil-mod il-mod, is-salib beda jsir is-simbolu ewlieni tat-twemmin nisrani wara li kmieni fis-Seklu 4 W.K., l-Imperatur Ruman, Kostantinu l-Kbir kien impona t-twemmin nisrani u s-simboli marbutin miegħu fid-dinja li huwa kien qed jipprova jgħaqqad flimkien. L-istorja tar-rabta tas-Salib mal-Imperatur Kostantinu tirrakkonta li qabel il-gwerra kontra l-għadu tiegħu Maxentius, li seħħet fuq il-pont Milvio fis-sena 312 W.K., Kostantinu ħares lejn is-sema u hemm ra salib wieqaf fuq ix-xemx, flimkien mal-kliem bil-Grieg: *en touto nika* [bil-Latin: *in hoc signo vinces*], "B'dan is-sinjal inti tirbaħ."[9]

Ir-rebħa li Kostantinu kien għamel f'din il-gwerra u l-ħelsien li kien ta lill-Insara fl-Imperu Ruman, għen sabiex l-Insara setgħu jibdew jesponu s-simbolu ewlieni tagħhom bla ebda biża.[10] Is-simbolu tas-salib kien espress f'dik li baqgħet magħrufa bħala *chi-rho,*[11] li issa bdiet tiġi mnaqqxa fuq l-armi militari tal-armata ta' Kostantinu u fuq xi muniti tal-imperu.[12] Minbarra dan, hemm ukoll l-istorja ta' Sant'Elena, omm l-Imperatur Kostantinu, li lejn is-sena 324 W.K., kienet marret l-Art Imqaddsa u skont



**Dettall ta' sarkofagu tal-Passjoni li juri s-simbolu ta' 'chi-rho'.**



**Sant'Elena u Erakliju iġorru l-għuda tas-Salib f'Ġerusalemm. Pittura ta' Miguel Jiménez u Martin Bernat, Museo de Zaragosa, Spanja.**

303-306, tiġbor fil-qosor numru ta' teoriji li juru kif l-Insara tal-bidu kienu ristretti fl-użu tal-arti minħabba preskrizzjonijiet Lhud, kif jidher minn letteratura aktar antika.

8 Ara Paul Corby Finney, *The Invisible God: The Earliest Christians of Art* (New York: Oxford University Press, 1994), 106-108.

9 Eusebius: *Life of Constantine,* 1.28-31. Fuq din il-ġrajja u l-awtentiċità tagħha ara, Bryan M. Litfin, "Eusebius on Constantine: Truth and Hagiography at the Milvian Bridge," *Journal of Evangelical Theological Society,* no. 55/4 (2012): 773-792.

10 Ara Michael Gough, *The Origins of Christian Art* (London: Thames and Hudson, 1973), 25.

11 Il-monogramma *chi* u *rho* tirrappreżenta l-ewwel żewġ ittri bil-Grieg tal-kelma *Christos,* translitterati bħala *chi rho* fl-alfabett Ruman. Imqegħda bejn l-ittri *Alpha* u *Omega,* l-ewwel u l-aħħar ittri tal-alfabet Grieg, il-monogramma tirrappreżenta lil Kristu nnifsu: "Jiena l-Alfa u l-Omega, il-bidu u t-tmiem" (Riv 1:8).

12 Ara Patrick Bruun, "The Christian Signs on the Coins of Constantine," *Arctos,* New Series, no. 3 (1962): 5-35, reprinted in *Studies in Constantinian Numismatics: Papers from 1954 to 1988* (Rome: Institutum Romanum Finlandiæ, 1991), 53-70. Ara wkoll Ibid., "The Victorious Signs of Constantine: A Reappraisal," *The Numismatic Chronicle,* no.157 (1997): 41-59.

tradizzjoni antika, hemmhekk hija sabet l-għuda tas-salib li fuqha kien ġie msallab Ġesù.[13] Din is-sejba kompliet għenet ħalli s-salib isir tassew is-simbolu ewlieni tat-twemmin nisrani.

Huma ħafna dawk li jqisu bħala "domma assoluta" il-fatt li s-salib sar simbolu viżibbli tal-Kristjaneżmu wara l-era ta' Kostantinu u mhux qabel.[14] Fil-fatt, huwa biss wara s-sena 350 W.K., li x-xbieha tas-salib insibuha attestata b'mod regulari f'dokumentazzjoni figurattiva nisranija. Minn issa 'l quddiem insibu lis-salib waħdu; jew f'idejn Ġesù; jew inkella qed jinġarr fuq l-ispalla minn xi personaġġ ieħor. Imma qabel is-sena 420 W.K., qatt ma nsibu xbiehat ta' Ġesù li qed iġorr is-salib. Mis-sena 340 sas-sena 370 W.K., per eżempju, niltaqgħu ma' numru ta' *sarcophagi,* ħafna minnhom f'ċimiterji Nsara f'Ruma, li l-mottiv ċentrali tagħhom huwa salib kbir vojt, mibni fuq il-*christogramma* mdawwra b'kuruna tar-rand, simbolu ta' Kristu Ġesù. Dawn is-*sarcophagi* iżda qatt ma juruna lil Kristu msallab mas-salib, anke jekk f'xi wħud minnhom insibu x-xena ta' Kristu Rxoxt li qed iżomm f'idu l-leminija salib mimli ħaġar prezzjuż bħala standard tar-rebħa tiegħu.[15]

## L-Eqdem xbiehat tal-Kurċifiss

Aktarx li l-eqdem xbiehat tal-kurċifissjoni ta' Ġesù li waslu għandna huma dawk li jidhru fuq ħaġar prezzjuż żgħar maħdumin fil-Lvant tal-Imperu Ruman. Dawn ix-xbiehat imorru lura lejn in-nofs tas-Seklu 4 W.K., għalkemm xi studjużi jagħtu data aktar bikrija.[16]


*Il-panew mill-Maskell Ivories, li juri x-xena tal-Kruċifssjoni*

Dik li ħafna jqisu bħala l-eqdem raffigurazzjoni tal-kurċifissjoni ta' Ġesù imbagħad, insibuha fuq wieħed mill-erba panewijiet tal-avorju ta' kaxxa żgħira li llum tinsab fil-*British Museum* f'Londra. Il-*Maskell Ivories,* kif inhi magħrufa, hija kaxxa li aktarx inħadmet f'Ruma madwar is-sena 420 W.K., sabiex fiha jinżammu xi relikwi jew l-Ewkaristija. L-erba' panewijiet, li huma tal-istess daqs (7.5 x 9.8 cm), juru xeni meħudin mill-passjoni, il-qawmien u d-dehriet ta' Kristu Rxoxt. Kristu msallab mhuwiex muri hawn bħala persuna li qed ibati. Minflok

[13] Ara Jan W. Drijvers, *Helena Augusta: The Mother of Constantine the Great and the Legend of her Finding of the True Cross* (Leiden: Brill, 1992).

[14] Ara Erich Dinkler, "Comments on the History of the Symbol of the Cross," *Journal for the Theology and the Church,* no.1 (1965): 137-145.

[15] Reċentiment, Jutta Dresken-Weiland uriet kif framment minn *sarcophagus* li jmur lura għas-Seklu 4 W.K., u li llum jinsab fil-Mużew tal-Vatikan, jista' jagħti l-każ li hu xhieda tal-kurċifissjoni. Fuq dan ara Jutta Dresken-Weiland, "A New Iconography in the Face of Death? A Sarcophagus Fragment with a Possible Crucifixion Scene in the Museo Pio Cristiano," in *The Face of the Dead in the Early Christian World,* ed. Ivan Foletti (Vielly: Studia Artium Medievalium Brunensia, 2013), 133-148.

[16] Ara Jeffrey Spier, *Late Antique and Early Christian Gems* (Wiesbaden: Reichert Verlag, 2007), 73-75.

hawn naraw lil Kristu ħaj, b'rasu dritta, b'idejh miftuħin beraħ u b'għajnejh miftuħin, imlibbes biss biċċa drapp madwar qaddu *(subligaculum)*. Aktar minn hekk, Kristu msallab huwa muri bħala figura ta' persuna b'saħħitha, bil-muskoli li joħorġu barra mis-salib.[17]



*Ix-xena tal-Kruċifissjoni fuq il-'panel' tal-injam tal-bieb tal-Bażilika ta' Santa Sabina f'Ruma.*

Eżempju ieħor tax-xena tal-kurċifissjoni ta' Ġesù li tmur lura għal din l-epoka (ċ. 432 W.K.) huwa wieħed mill-erbgħa u għoxrin panew li nsibu fuq il-bieb tal-injam tal-Bażilika ta' Santa Sabina, mibnija fuq l-għolja Avventina, f'Ruma. Ix-xena skulturata fuq dan il-panew turi lil Kristu bid-daqna u b'xagħru twila, bilwieqfa u b'dirgħajh miftuħin, bejn iż-żewġ ħallelin imsallbin miegħu, murija in-nofs tat-tul ta' Ġesù. It-tliet figuri huma bla ħwejjeġ, bl-eċċezzjoni ta' biċċa drapp madwar qaddhom. Huma qed iħarsu 'l quddiem, b'idejhom miftuħin, għalkemm qishom qed jistrieħu fuq minkbejhom, bħallikieku qegħdin f'pożizzjoni ta' talb aktar milli msallbin fuq salib. Fil-fatt, ma jidher l-ebda salib, kif lanqas m'hemm indikazzjoni ta' xi msiemer jew ħbula.[18]

Jidher li 'l hekk imsejħa *Maskell Ivories* u l-panew fuq il-bieb tal-Bażilika ta' Santa Sabina huma l-uniċi żewġ xbiehat tal-Kurċifiss li waslu għandna mis-Seklu 5 W.K. Il-bqija tas-slaleb li nsibu f'dan iż-żmien kienu biċċa xogħol ta' arti magħmula minn materjal tad-deheb u mżejjen b'ħaġar prezzjuż. Wara s-sena 400 W.K., is-salib imżejjen b'mod prezzjuż, kien spiss jiġi assoċjat ma' tron tar-rejiet - *solium regale* - imżejjen bid-deheb u b'ħaġar prezzjuż. Il-mużajċi dekorattivi fl-apside tal-knisja ta' Santa Pudenziana f'Ruma, magħmula madwar is-sena 400-410 W.K., huma karatteristika ta' din l-evoluzzjoni. Fiċ-ċentru ta' dawn il-mużajċi nsibu l-figura ta' Kristu, bilqiegħda fuq tron imperjali u mżejjen b'ħaġar prezzjuż. Wara l-figura ta' Kristu tidher xena ta' belt li fiċ-ċentru tagħha hemm għolja li fuqha jistrieħ salib kbir imżejjen bid-deheb, b'ħaġar prezzjuż u perli f'forma ovali. Din ix-xena tirreferi għall-għolja tal-Kalvarju li fuqha l-Imperatur Teodosju II (401-450 W.K.) kien qiegħed salib tad-deheb prezzjuż, irrappreżentat għall-ewwel darba f'dan il-mużajk u muri bħala trofew jew monument ta' rebħa.[19]

---

17 Għal aktar dettalji fuq din il-biċċa xogħol maħduma fl-avorju ara Gabriele Finaldi, *The Image of Christ* (London: The National Gallery, 2000), 108-111.

18 Fuq dan il-panew ara l-istudju ta' Allyson Everingham Sheckler and Mary Joan Winn Leith, "The Crucifixion Conundrum and the Santa Sabina Doors," *The Harvard Theological Review*, vol. 103, no. 1 (Jan 2010): 67-88.

19 Għal aktar tagħrif fuq il-mużajċi tal-knisja ta' Santa Pudenziana f'Ruma ara Fredric W. Schlatter, "The Text in the Mosaic of Santa Pudenziana," *Vigiliæ Christianæ*, vol. 43, no. 2 (June 1989): 155-165.

Mas-Seklu 6 W.K., imbagħad, nibdew niltaqgħu ma' xbiehat ta' Kurċifissi mlibbsa b'libsa vjola, magħrufa aktar bħala *colobium*. Affresk tas-Seklu 8 W.K., li jinsab fil-knisja ta' *Santa Maria Antiqua* f'Ruma, huwa wieħed minn dawn l-eżempji li juri lil Kristu f'pożizzjoni wieqfa, imsallab mas-salib, b'għajnejh miftuħin u mlibbes iċ-*colobium*, il-libsa saċerdotali. Din hija x-xbieha ta' Kristu rebbieħ fuq il-mewt, u s-salib huwa l-*apoteosi* tiegħu.[20] Hekk ukoll il-Kurċifiss magħruf bħala "il-Kurċifiss ta' Lucca" li jinsab fil-Katidral ta' San Martin f'din il-belt fl-Italja, u li jmur lura għas-Seklu 8 W.K. Dan il-Kurċifiss li fih naraw lil Kristu msallab libes ilbies saċerdotali, b'kuruna reali fuq rasu,[21] flimkien ma' xi wħud oħra, sar prototip għal numru ta' Kurċifissi oħra li saru wara, u li nsibuhom imferrxin f'pajjiżi differenti tal-Ewropa.

Fis-Seklu 10 W.K., insibu dik li hi meqjusa bħala l-ewwel skultura monumentali ta' Kristu Kurċifiss. Din l-iskultura fil-fatt tat bidu fl-arti nisranija għal tradizzjoni ta' xbiehat aktar realistiċi tal-Kurċifiss.[22] Dan hu Kurċifiss skulturat fl-injam, ikkummissjonat fis-sena 970 W.K., minn Gero, Arċisqof ta' Cologne fil-Ġermanja għall-Katidral tiegħu. F'dan il-Kurċifiss li baqa' magħruf bħala "l-Kurċifiss ta' Gero," naraw bidla fix-xbieha artistika tradizzjonali ta' Kristu kif kienet ippreżentata u ddominata s'issa fl-arti Nisranija. Fil-fatt, f'dan il-Kurċifiss ma narawx lil Kristu fl-aspett divin tiegħu. Minflok aktar naraw lil Kristu fl-aspett uman, b'ġismu mdendel bil-piż tiegħu stess fuq is-salib, b'għajnejh magħluqin fil-waqt tal-mewt tiegħu.[23]

Mottiv ieħor li ntrabat mas-salib f'dan il-perjodu kien dak ta' *lignum vitæ* - "is-siġra tal-ħajja." Xbiehat tas-salib bħala siġra jidhru diġà fl-ikonografija bikrija nisranija,[24] għalkemm dawn żviluppaw fil-perjodu Medjovali.[25]



**Is-Salib bħala s-siġra tal-ħajja. Pittura ta' Pacino di Bonaguida, 1305-1310, Firenze.**

[20] Ara L. Castelfranchi, "Crocifissione," *Iconografia e Arte Cristiana: Dizionari San Paolo*, diretto da Liana Castelfranchi, Maria Antonietta Crippa. A Cura di Roberto Cassanelli - Elio Guerriero, vol. 1 (Milano: Edizione San Paolo, 2004), 555.

[21] Ara C. Baracchini e A. Caleca, *Il Duomo di Lucca* (Lucca: Casa di Risparmio di Lucca, 1973), 14-15.

[22] Ara Gertrud Schiller, *Iconography of Christian Art: The Passion of Christ*, trans. Janet Seligman, vol. 2 (London: Lund Humphries, 1972), 140-142.

[23] Għal aktar tagħrif fuq dan il-kurċifiss ara Annika E. Fisher, "Cross Altar and Crucifix in Ottonian Cologne," in *Decorating the Lord's Table: On the Dynamics Between Image and Altar in the Middle Ages*, eds. Soren Kaspersen and Erik Thuno (Copenhagen: Museum Tusculanum Press, 2006), 43-62.

[24] Ara Christopher Irvine, "The Iconography of the Cross as the Green Tree," in *The Edinburgh Companion to the Bible and the Arts*, ed. Stephen Prickett (Edinburgh: Edinburgh University Press, 2014), 195-207.

[25] Ara Francis M. Young, *Construing the Cross: Type, Sign, Symbol, Word, Action* (London: SPCK, 2016), 44-72.

Wieħed mill-isbaħ eżempji tas-salib bħala siġra nsibuh fil-mużajk li jiksi l-apside tal-Bażilika ta' San Klement f'Ruma, xogħol tas-Seklu 12.[26]

Il-Perjodu Romanesk, li bejn wieħed u ieħor kien mifrux bejn is-Sekli 10 u 12, baqa' jipproduċi xbiehat ta' Kurċifissi li juruna lil Kristu ħaj imsallab mas-salib, b'rasu merfugħa 'l fuq u b'għajnejh miftuħin. Xi drabi lil Kristu nsibuh imlibbes il-libsa twila saċerdotali, filwaqt li Kurċifissi oħra ta' din l-epoka jippreżentaw lil Kristu libes speċi ta' dublet imżejjen li jiksi l-qadd tiegħu. Sa qabel is-Seklu 13, ir-raffigurazzjonijiet tas-salib bħala strument ta' tbatija jew bħala l-post li fuqu Ġesù miet huma rari ħafna. Kien biss madwar is-snin 1220-1230 li s-Salib, bil-mod il-mod, beda jieħu l-aspett ta' patibolu, b'mod illi Kristu msallab beda issa jiġi muri mejjet fuq is-salib.

Tassew illi l-insara kien irnexxielhom jeqilbu ta' taħt fuq it-tifsira umiljanti tal-mewt ta' Kristu fuq is-salib, b'mod illi rappreżentazzjonijiet tas-salib li jmorru lura għal dan iż-żmien jgħinuna nħarsu lejn is-Salib bħala oġġett trijonfali u ta' qima.



***L-apside tal-mużajk tal-Bażilika ta' 'San Apollinare in Classe' li juri s-Salib glorjuż.***

[26] Għal aktar tagħrif fuq il-mużajċi ta' din il-Bażilika ara Michael G. Sundell, *Mosaics in the Eternal City* (Temple: Arizona Centre for Medieval and Renaissance Studies, 2007), 89-94.